**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Mejju 2020.**

**Rikors nru: 41/2020 AGV;**

**AB (ID nru: 325669M)**
**Vs**
**CB (ID nru: 356771M)**

**Il-Qorti;**

**Rat r-rikors ta' AB, datat 3 ta' Frar 2020, fejn espona bir-rispett u kkonferma;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fl- 21 ta' Gunju 1991, kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet sseparaw fl- 20 ta' Ottubru 2015, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maria Micallef, u ghalhekk ilhom jghixu separati ghal izjed minn 4 snin, hawn anness u mmarkat Dok. B;

**3.** Illi ma hemm ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn ma’ xulxin;

**4.** Illi ma hemm ebda kwistjoni bejniethom dwar manteniment stante li l-mantenient dejjem thallas;

**5.** Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-Ligi sabiex jinghataw id-divorzju skont l-artikolu 66 B, tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

**Ghaldaqstant, l-esponent f’ dac-cikorstanzi jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li CB giet notifikata fl- 20 ta’ Frar 2020, izda ma pprezentatx risposta entro it-terminu, u ghalhekk titqies kontumaci.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**